**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 4 ta' Lulju 2001**

**Rikors Nru: 2/01A**

**Philip Cilia**

**Vs**

**Joseph Farrugia**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors;

Illi huwa jikri l-fond Block B Flat S, St. Peter's Court, Resort Square, St. Paul's Bay, lill-intimat ghall-kera ta' mija erbgha u erbghin lira maltin (Lm144) fis-sena.

Illi l-post ilu mikri ghand l-intimat ghal dawn l-ahhar 27 sena.

Illi l-kera jisthoqqilha li tkun riveduta u awmentata.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu jawmenta l-kera tal-fond fuq citat ghal dik is-somma li jistabilixxi l-Bord bhala kerha gusta.

Ra r-risposta;

Illi d-domandi attrici huma skaduti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-kera in kwistjoni hija gusta u ma timmerita l-ebda awment.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Ra id-digriet tieghu tal-15 ta' Frar 2001 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Joseph Jaccarini u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Billi mir-relazzjoni tal-imsemmija periti jirrizulta li l-kera li qed jithallas ilum – Lm144 fis-sena – hu wiehed gust.

Jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.

Ir-relazzjoni tal-periti ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Dep.Reg Magistrat